MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 305/2013

**David Anastasi**

**(K.I. 199781 M)**

**vs**

**Karen Mangion**

**(K.I. 000681 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-1 t'April, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti espona sintetikament is-segwenti:

1.1 Illi permezz ta' sentenza ta' din il-qorti diversament preseduta datata z-19 ta' Marzu, 2008, *recte* it-18 ta' Marzu, 2008, (ara foll 7), fl-ismijiet Karen Mangion vs David Anastasi (Citazzjoni Numru 75/2006) gie ordnat li l-ammont ta' sebat elef, tmien mija u tlieta u sebghin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu, (€7,873.28), pagabbli lill-intimata mir-rikavat tal-bejgh tal-fond li kellu jigi licitat a bazi tas-sentenza pre-citata, kellu jsir qabel il-qsim ta' l-istess rikavat;

1.2 Illi fis-subbasta li saret l-intimata kienet offriet li tixtri sehem ir-rikorrenti mill-fond involut u iddepozitat is-somma ta' tmint elef seba` mija u sittin Ewro u hames centezmi, (€8,760.05), biex il-fond jigi liberat favur taghha;

1.3. Illi l-intimata iddepozitat l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti billi minflok ipprelevat dak lilha dovut qabel il-qsim tar-rikavat mill-bejgh tal-fond in subbasta kif kienet ordnata bis-sentenza tat-18 ta' Marzu, 2008, fuq riferita, ghamlet dan minn sehem ir-rikorrenti mit-total ta' l-imsemmi rikavat;

1.4. Illi kieku l-intimata imxiet mas-sentenza pre-citata id-depozitu li kellu jsir minnha kellu jkun ta' tnax –il elf, sitt mija u tnejn u ghoxrin Ewro u tlieta u hamsin centezmu, (€12,622.53);

1.5. Illi permezz ta' rikors datat l-14 ta' Lulju, 2010, ir-rikorrenti talab lill-qorti tordna lill-intimata biex tiddepozita l-ammont dovut skont is-sentenza tat-18 ta' Marzu, 2008, precitata;

1.6. Illi b'digriet datat l-10 ta' Gunju, 2011, il-qorti *inter alia* stabbilit li l-prelevament dovut mill-intimata ghandu jsir "mis-somma spettanti lil David Anastasi wara l-ammont li kellu jithallas lill-bank";

1.7. Illi id-digriet indikat fil-paragrafu precedenti gie appellat u fis-sentenza taghha datata d-9 ta' Novembru, 2012, il-Qorti ta' l-Appell iddecidiet li l-appell *de quo* kien proceduralment null u li d-digriet moghti "jista` biss jigi 'appellat' jew kontestat

permezz ta’ rikors guramentat quddiem l-istess Qorti li tat id-digriet”;

1.8. Illi fl-istess digriet datat l-10 (mhux 20 kif hawn indikat mir-rikorrenti), (ara foll 2 u 3 tal-process odjern u foll 22 in atti tal-process fl-ismijiet Karen Mangion vs David Anastasi, Citazzjoni Numru 835/10), ta’ Gunju, 2011, gie wkoll deciz li l-atti tas-subbasta inizjata mill-intimata kienu konkluzi meta l-fond gie liberat favur l-istess Mangion billi kienet giet ammessa tipprezenta offerti *“animo compensandi”*, u “ma jidhirx li saret ebda opposizzjoni kif trid il-ligi”;

1.9. Illi kien biss bic-cedola tal-intimata datata is-16 ta’ Settembru, 2009, u mhux qabel b’xi indikazzjoni *“animo compensandi”* li kienet ser taghmel hekk, li l-istess intimata ipprelevat is-somma ta’ sebat elef tmin mija u tlieta u sebghin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu, (€7,873.28), kuntrarjament ghas-sentenza tat-18 ta’ Marzu, 2008, fuq indikata;

1.10. Illi qabel saret l-imsemmija cedola ma kien hemm xejn x’jigi oppost;

1.11. Illi permezz t’ittra ufficjali datata l-5 ta’ Settembru, 2011, l-intimata giet interpellata biex thallas tnax -il elf sitt mija u tnejn u ghoxrin Ewro u tlieta u hamsin centezmu, (€12,622.53), ammont li kellu jkun depozitat minnha li izda baqghet m’ghamlitx;

1.12. Illi ghaldaqstant adixxa din il-qorti biex l-intimata jkollha l-opportunita` twiegeb ghat-talbiet tar-rikorrenti u tghid ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.12.1. Tiddikjara u tiddeciedi li meta l-intimata talbet biex tigi ammessa toffri *animo compensandi* u biex tkun approvata it-tpacija fl-atti tas-subbasta numru 33/08 hi bl-ebda mod m’indikat li kienet ser “tpaci” l-prelevament lilha dovut kontrarjament ghal dak

ordnat bis-sentenza tat-18 ta' Marzu, 2008, fuq riferita;

1.12.2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimata bl-ebda mod ma kienet awtorizzata biex bic-cedola ta' depozitu datata is-16 to Settembru, 2009, tiddepozita ammont li ma' kienx kalkolat ghall-finijiet ta' l-imsemmi prelevament kif riedet is-sentenza tat-18 ta' Marzu, 2008, fuq riferita;

1.12.3. Tiddikjara u tiddeciedi li d-decizjoni ta' din il-qorti datata l-10 ta' Gunju, 2011, wara rikors tal-14 ta' Lulju, 2010, hi skorretta fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi imhassra u minflok, ghandu jigu deciz li d-depozitu li kellu jsir mill-intimata Karen Mangion kellu jkun dak ta' tnax -il elf sitt mija u tnejn u ghoxrin Ewro u tlieta u hamsin centezmu, (€12,622.53), bl-applikazzjoni tas-sentenza tat-18 ta' Marzu, 2008, fuq riferita;

1.12.4. Tordna lill-intimata biex oltre d-depozitu gia` minnha maghmul fl-ammont ta' tmint elef seba` mija u sittin Ewro u hames centezmi, (€8,760.05), tghaddi ghall-hlas ta' tlett elef tmien mija u tnejn u sittin Ewro u tmienja u erbghin centezmu, (€3,862.48), oltre l-imghax legali dovut fuq l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti mis-16 ta' Settembru, 2009;

1.12.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimata;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata s-26 t'April, 2013, li permezz taghha l-intimata irrispondiet sintetikament bil-mod segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.2. Illi gia` tezisti *res judicata* fuq il-mertu in dizamina kif jirrizulta mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata d-9 ta' Novembru, 2012;

2.3. Illi *di piu`*, it-talbiet tar-rikorrenti huma guridikament inkoncepibbli stante li d-digriet li bih giet approvata t-tpacija hu wiehed finali u l-kwistjoni kienet intemmet hemm;

2.4. Illi konsegwentement il-ligi ma tikkontempla l-ebda procedura ulterjuri;

2.5. Illi *in effetti*, dak li qieghed hawn jittenta r-rikorrenti hu sempliciment *"terzo appello"*;

2.6. Illi fil-mertu, l-ammont mhux dovut stante li kif gia` gie deciz fil-procedura gia` riferita, (Rikors Numru 835/10), l-ammont depozitat mill-intimata kien gust u korrett;

2.7. Salv eccezzjonijiet ohra;

3. Rat id-digriet taghha datat it-8 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu fuq talba ta' l-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti u bi qbil tar-rapprezentanti legali tal-intimata, ordnat li jigu pprezentati l-atti tas-subbasta numru 33/2008 fl-ismijiet Karen Mangion vs David Anastasi, (ara foll 35),

4. Rat id-digriet taghha datat id-29 ta' Jannar, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz taghhom fil-modalita` hemm indikata, (ara foll 49);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata s-27 ta' Marzu, 2014, (ara foll 50), flimkien ma dik sottomessa mill-intimata datata t-13 ta' Mejju, tal-istess sena, (ara foll 54);

6. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

7. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

8. Illi ghandu jkun pacifiku li din il-kawza tikkonsisti effettivament f'tentattiv li tirresuxxita procedura li gia` ghaddiet in gudikat, addirittura anke wara decizjoni finali fir-rigward mill-istess Qorti ta' l-Appell li esprimiet ruhha b'mod definittiv permezz tas-sentenza taghha datata d-9 ta' Novembru, 2012, (ara fol 40 *et sequitur* u foll 61 *in atti* tal- Qorti ta' l-Appell, Citazzjoni Numru 835/10 hawn annessi);

9. Illi l-procedura hekk deciza b'mod finali indikata fil-paragrafu precedenti tirreferi ghall-procedura ta' subbasta li zviluppat wara sentenza ta' din il-qorti diversament preseduta fl-ismijiet Karen Mangion vs David D'Anastas, datata t-18 ta' Marzu, 2008, (ara foll 7) u mhux Mangion vs D'Anastasi datata iz-19 ta' Marzu, 2008, kif indikat mir-rikorrenti fir-rikors guramentat promotur tieghu, (ara foll 1);

Ikkunsidrat:

10.0. Illi rigward il-kwistjoni tar-*res gudikata* sollevata mill-intimata ghandu jigi rilevat is-segwenti:

10.1. Illi kif ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia**, datata it-13 ta' Frar, 1958, Kollezz. Vol. XLII. II. p. 917, biex ikun hemm il-gudikat jinhtieg il-konkors ta' tliet elementi, senjatament:

10.1.1. L-istess persuna;

10.1.2. L-istess oggett; u

10.1.3. L-istess kawzali;

10.2. Illi ghalhekk biex tissussissti l-eccezzjoni tar-*res judicata* is-sentenza ta' qabel trid tkun giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni, fuq l-istess oggett, u ghall-istess kawza, senjatament:

*"eadem personae, eadem res, eadem causa petendi"*, bhal fil-kawza l-gdida;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi ezami tal-fatti kif rizultanti mid-dokumentazzjoni in atti jirrizulta sintetikament s-segwenti:

11.1. Illi l-appell deciz bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata d-9 ta' Novembru, 2012, kien jirrigwarda l-istess problematika sollevata permezz tal-procedura odjerna;

11.2. Illi effettivament it-talbiet in dizamina kontenuti fiz-zewg proceduri *de quo* jirrigwardaw l-allegat depozitu erroneju effettwat mill-intimata fil-procedura ta' licitazzjoni fuq riferita li allegatament effettwat negattivament lir-rikorrenti;

11.3. Illi l-istess problematika kienet giet deciza in prim'istanza bis-sentenza datata t-18 ta' Marzu, 2008, (ara foll 7), u in sekonda stanza bis-sentenza datata d-9 ta' Novembru, 2012, fuq riferita, (ara wkoll foll 40);

11.4. Illi effettivament l-imsemmija Qorti ta' l-Appell iddecidiet li ghar-ragunijiet minnha hemm espressi, l-appell intavolat kien inammissibbli;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li l-procedura odjerna tissodisfa t-tlett rekwiziti fuq elenkati ghall-konkretizzazzjoni tal-istitut tar-“*res judicata”*, billi jirrizulta abbundantement assodat li:

12.1. Il-partijiet involuti fiz-zewg istanzi huma l-istess;

12.2. L-oggett tal-kawza hu wkoll identiku, senjatament li jirrigwarda d-depozitu *animo compensandi* provdut mill-intimata;

12.3. Il-kawzali huma wkoll ghalhekk l-istess fiz-zewg istanzi in dizamina;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi fuq il-kwistjoni ulterjuri rigwardanti l-kwistjoni sollevata mir-rikorrenti fuq id-digriet fejn giet approvata t-tpacija li jrid hawn jerga` jissolleva mill-gdid, jinghad sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi din il-kwistjoni giet deciza b’mod finali fil-proceduri tas-subbasta involuta;

13.2. Illi in effetti din ukoll gia` giet deciza fl-atti tar-Rikors Numru 835/2010 fuq gia` riferit;

13.3. Illi kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fl-istess sentenza taghha in dizamina Mangion vs Anastasi datata d-9 ta’ Novembru, 2012, opposizzjoni ghal talba ghal tpacija tista` ssir biss meta tigi approvata tali tpacija u meta din l-approvazzjoni tigi notifikata lill-partijiet fis-subbasta u li *in oltre*, tali opposizzjoni tirrikjedi li tinghata l-ordni f’kawza ohra *ad hoc*, (ara foll 45);

13.4. Illi jirrizulta assodat mill-atti tas-subbasta *de quo* kif ukoll konfermat in appell fis-sentenza citata fil-paragrafu precedent, li l-intimata Mangion kienet debitament awtorizzata tissottometti offerta *animo compensandi* fejn jirrizulta ukoll li sussegwentement, ma saret l-ebda opposizzjoni ghall-istess skont il-ligi;

13.5. Illi konsegwentement kif ukoll irriteniet l-istess Qorti ta' l-Appell fuq riferita s-sottomissjoni tal-intimata kienet korretta u konsegwentement, l-atti tas-subbasta *de quo* kienet konkluza skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

14. Illi finalment tiehu l-opportunita` tigbed l-attenzjoni tal-partijiet ghall-fatt li fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata t-18 ta' Marzu, 2008, ir-rikorrenti odjern hu indikat bil-kunjom *"D'Anastas"* (ara foll 7), mentri fil-procedura odjerna , (ara foll 1), u fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fuq citata, (ara foll 40), l-istess rikorrenti hu indikat bil-kunjom *Anastasi*;

15. Illi tenut kont tal-fatt li tul dawn is-snin kollha li ilhom ghaddejjin dawn il-proceduri hadd mill-partijiet kollha involuti ma qajjem dan il-fatt, din il-qorti qed tassumi li l-istess partijiet kienu qed jifhmu bl-ezatt fil-konfront ta' min kienu dawn il-proceduri u ghalhekk la ser tiehu provediment fir-rigward u lanqas ser tordna xi korrezzjoni li tista tkun dovuta;

Ikkunsidrat:

16. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti David Anastasi ma pprovax il-kaz tieghu skont il-ligi;

**DECIDE:**

17.0. Illi konsegwentement:

17.1. Tirrespingi t-talbiet kollha sollevati mill-imsemmi rikorrenti fil-konfront tal-intimata;

17.2. Takkolji r-risposti kollha tal-intimata Karen Mangion;

17.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti fuq indikat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------